**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta' Diċembru 2015

Talba Numru: 758/13

Numru fuq il-Lista: 31

**Schembri & Sons Ltd (C4225)**

**vs.**

1) **Anjo Limited (C18352)**
2) **Anthony Caruana K.I. 330168 (M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2013, illi permezz tiegħu l-intimati ġew mitluba mingħand is-soċjeta` attriċi jħallsuha l-ammont

ta’ seba’ mija u erbgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (EUR 740.24) premess illi:

Din is-somma hija ċerta, likwida u dovuta u li tirrappreżenta prezz ta’ merkanzija mibjugħa lill-istess intimati;

L-imsemmi ammont baqa’ ma tħallasx mill-intimati minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex jagħmlu dan, inkluża interpellazzjoni permezz tal-ittra uffiċjali tat-18 ta’ Marzu 2013 bin-numru ta’ referenza 662/2013;

Bl-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-atti ġudizzjarji relatati.

Ra r-**Risposta tal-intimati**, ippreżentata fid-29 ta’ Jannar 2014 fejn eċċepew: :

1. Illi preliminarjament l-eċċipjenti Anjo Limited mhix leġittima kontradittriċi tas-soċjetà attriċi;
2. Illi fi kwalsiasi każ, it-talba attriċi hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili;
3. Illi t-talba attriċi fi kwalsijasi każ hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema’ x-xhieda.

Ra l-verbal tat-28 ta’ Novembru 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Fatti**

Is-soċjeta` attriċi qed titlob il-ħlas ta' erba' planki mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenuti jew min minnhom.

Is-soċjeta` konvenuta tgħid illi hija mhijiex il-leġittimu kontradittur u dana stante illi l-planki mixtrija ġew użati minn Anthony Caruana personalment.

Anthony Caruana jeċċepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili.

Mhuwiex kontestat illi l-erba planki mertu tal-kawża ġew użati mill-konvenut Caruana personalment u dana biex saqqaf showroon illi huwa kien qiegħed jibni.

**Konsiderazzjonijiet**

Ra l-Artikolu 2148(b) tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi jistipula:

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;*

Ikkunsidra li l-eċċezzjoni sollevata neċessarjament teħtieġ li ssir eżami bejn dak li huwa kkonsidrat bħala bejgħ bl-imnut, li huwa preskrivibbli bid-dekors ta' tmintax-il xahar, u dak li huwa kkonsidrat bejgħ bl-ingrossa, preskrivibbli bid-dekors ta' ħames snin.

Illi biex wieħed jasal ħalli jiddetermina jekk bejgħ sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wieħed għandu jħares lejn il-bejgħ partikolari u l-għamla tiegħu. *"Normalment, biex bejgħ jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgħ kien wieħed magħmul lill-konsumatur għall-użu personali tiegħu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgħ bl-imnut jingħaraf minn bejgħ bl-ingrossa billi f'dan tal-aħħar il-bejgħ isir lil xerrej li jkun sejjer jagħmel negozju bi jew minn fuq il-ħaġa mixtrija."*[1]

Fis-sentenza Attard vs. Refalo[2], mill-Imħallef Paolo Debono: *"La legge non definisce i relativi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e` che il primo vende per lo piu` a coloro i quali*

[1] Cini vs. Debono Qorti tal-Kummerċ 05.06.1951 (Kollez. Vol: XXXV.iii.613)
[2] Kollez. Vol. XIII.294

*commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende per lo piu` ai consumatori e in piccole quantita` misurate dal bisogno di costoro."*

Inoltre kif ġie sewwa ritenut fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet Giovanni Micallef vs. Giuseppe Azzopardi[3] *"Che da cio` emerge anche chiaro che i rapporti interceduti tra l'attore e il convenuto sono rapporti d'indole commerciale perche` il citato non acquistava il vino per proprio uso ma per venderlo nella sua bottega …. E quindi le somministrazioni e consegne che l'attore faceva al citato, come evincesi dal complesso di prove, non devono considerarsi come singole consegne a credenza ma come diverse forniture da formare un solo conto."*

Fil-każ in eżami, mill-assjem tal-provi, jirriżulta li l-preskrizzjoni sollevata hija applikabbli għall-każ. Jidher evidenti li dan il-każ jitratta ta' bejgħ bl-imnut u mhux bejgħ bl-ingrossa u għalhekk l-artikolu ċċitat huwa appikabbli. Dana jirriżulta mix-xhieda tal-konvenut Anthony Caruana mogħtija quddiem dan it-Tribunal fit-13 ta' Ġunju 2014:

> *"Jiena xtrajt planki mingħand is-Soċjeta' attriċi darba jew darbtejn u dana waqt li qegħdin naħdmu fil-kostruzzjoni tax-showroom tagħna. Qatt ma xtrajt planki fi kwantita' kbira. Il-planki kienu ġew ikkonsenjati lili bejn Lulju u Awwissu tas-sena elfejn u ħdax (2011). Jiena l-planki poġġejthom fix-showroom tiegħi stess fil-parti li ngħidulha x-showroom ta' wara."*

It-Tribunal f'dan l-istadju allura għandu jeżamina jekk il-perjodu preskrittiv ġiex interrot. Il-fattura nħarġet fit-3 ta' Ottubru 2011 iżda l-konvenut xehed illi l-planki ġew lilu kkonsenjati f'Lulju jew Awwissu tas-sena elfejn u ħdax. Fil-fatt in-nota tal-konsenja relattiva li tinsab fil-proċess fol. 18 irriżulta li l-konsenja effettivament saret sewwasew fil-25 ta' Awwissu 2011.

Jirriżulta li s-soċjeta` attriċi ippreżentat ittra uffiċċjali fit-18 ta' Marzu 2013, liema ittra ġiet debitament notifikata lill-konvenuti. (fol. 27 et seq.) Għaldaqstant din l-ittra ġiet ippreżentata iktar minn tmintax-il xahar wara d-data tal-konsenja u cioe meta t-terminu preskrittiv kien diġa skatta.

Fin-nuqqas ta' att ġudizzjarju li nterrompa il-preskrizzjoni, ġie dan it-terminu preskrittiv interrot b'xi mod ieħor? L-abbli difensur tas-soċjeta` attriċi issottomiet illi l-preskrizzjoni ġiet rinunzjata min-naħa tal-konvenut u dana bil-wegħdi tal-pagament min-naħa tiegħu.

---

[3] Qorti Ċivili (sede Kummerċ) 19.06.1933

Mill-provi miġjuba quddiem dan it-Tribunal, imkien m'hemm l-ebda ħjiel li l-konvenut f'xi okkażjoni aċċetta d-debitu jew obbliga ruħu li ser iħallas. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut ma qal ebda kliem li jservu bħala rikonoxximent tad-debitu li allura jwasslu għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

It-Tribunal kellu diversi okkażjonijiet fejn stipula, dak ritenut mill-ġurisprudenza tagħna, illi r-rekwiżiti meħtieġa għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni huma
1) il-volontarjeta'
2) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut
3) l-inekwivoċita'
4) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt ieħor li jimplika ammissjoni.

Fil-każ odjern dawn l-erba rekwiżiti ma seħħewx u għalhekk it-terminu preskrittiv laħaq skatta mingħajr ma ġie interrot b'att ġudizzjarju jew b'xi aġir min-naħa tal-konvenut.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi:
jilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari u jiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta m'hijiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk qed tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju;
jilqa wkoll it-tieni eċċezzjoni preliminari u cioe illi t-talba tas-soċjeta` attriċi hija preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta,
u konsegwentement jiċħad it-talba attriċi.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 662/13, ikunu sopportati mis-soċjeta` attriċi.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur